MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

SEDUTA TAT-12 TA' MARZU, 2014

NUMRU. 549/2008

IL-**PULIZIJA**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**Vs**

**GEORGE CATANIA**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **George Catania** ta' 61 sena, bin Anthony u Carmela nee' Fenech, imwieled Valletta fil-21 ta' Novembru 1946, residenti f'56, 'Guarena', Vjal it-Trasfigurazzjoni, Lija, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru **985146(M)**, gie akkuzat talli :

F'dawn il-gzejjer, fix-xahar ta' Novembru 2007 jew fix-xhur ta' qabel, fil-kapacita' tieghek ta' Direttur fid-Dipartiment tal-VAT, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghek, tlabt, ircevejt jew accettajt ghalik jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom inti ma kellekx jedd.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda bil-gurament;

Rat ir-*Rinvio a Giudizio* tal-Avukat Generali tal-21 ta` Awwissu 2009 li jinsab *a folio* 68 tal-atti, li bih deherlu li mill-kumpilazzjoni kondotta, tista tinstab htija jew htijiet skond l-Artikoli hemm stess indikati u cioe` Art 115 u Art 119 tal-Kap 9;

Rat li fl-udjenza tad-19 ta` Novembru 2010 l-imputat iddikjara li ma jsibx oggezzjoni li l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur;

**Ikkunsidrat**;

Illi jehtieg qabel xejn li jigi puntwalizzat li l-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, addebitat fir-*rinvio a giudizio* ta` l-Avukat Generali, ma hux reat izda huwa konsegwenza ta` sejbien ta` htija taht l-Artikolu 115, fost ohrajn. Ghalhekk l-imputat qed jigi imputat biss taht l-Artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Ghal snin twal, sa meta spicca bl-eta` ta` l-irtirar, l-imputat kien jokkupa l-kariga ta` *Director Support Services* fi hdan id-Dipartiment tal-VAT. Fost id-diversi doveri tieghu, l-imputat kien jintervjeni, wara li kienu jigu riferuti lilu, fuq kazijiet ta` persuni jew ta` kumpaniji li l-problema ta` *returns* u *tax due* kienet tkun kbira; normalment kienet tkun kwistjoni li tinkludi penalitajiet u imghaxxijiet sostanzjali. Kien ukoll jinvolvi ruhu fil-kazijiet li kienu jispiccaw gewwa l-Qorti. Fil-laqghat mat-*tax payer*, l-imputat kien, *inter alia*, jispjega s-sitwazzjoni tat-*tax payer* xi tkun, x'rimedji wiehed seta jsib ghall-problema li tkun tezisti u tinghata wkoll spjegazzjoni ta` xi proceduri bil-Qorti li setghu potenzjalment jittiehdu fejn ikun hemm certu nuqqasijiet.

Fil-Budget tal-2006 kienet thabbret skema favorevoli u maghha xi forma ta` mahfra, u dana b'referenza ghall-VAT li kienet dovuta sa Dicembru 2004. Kien gara illi fis-sena 2004, Raymond Micallef kien ircieva ittra mid-Dipartiment tal-VAT biex jirregola l-pozizzjoni tieghu; dan minhabba numru ta` *returns* li ma kienux intbaghtu u dwar taxxa dovuta. Raymond Micallef kien jiggestixxi zewg kumpaniji, Q-Services Ltd u Retail Solutions Ltd. Ghal ragunijiet kummercjali u forsi anke minhabba xi ftit ta` sfortuna fin-negozju, is-sitwazzjoni ta` Raymond Micallef u tan-negozju tieghu marret il-bahar. Xi hadd kien irreferieh ghand l-imputat u dana sabiex Raymond Micallef jipprova jsib soluzzjoni kif setgha jottempora ruhu mal-ligi.

Minn naha tieghu Raymond Micallef jghid li l-imputat ipprova jghinu f'xi zmien, izda fil-fehema tieghu, aktar ma beda ghaddej iz-zmien, kien qed iqis lill-imputat bhala ostakolu aktar milli xi

persuna li genwinament qed toffri l-ghajnuna taghha. Jghid li hu kien sahansitra tpogga taht pressjoni kbira mill-imputat biex jirregola l-pozizzjoni tieghu mad-Dipartiment, li l-imputat kien icempillu f'hinijiet tard bil-lejl; fi kliem iehor, jghid li l-imputat kien qed jivvessah u li ma kienx ihallieh ikellem lil persuni ohra gewwa d-Dipartiment. Jghid li sahansitra kien iwaqqfu milli javvicina lill-Kummissarju tal-VAT.

Minn naha tieghu, l-imputat jghid li hu ghamel minn kollox biex jghin lil Raymond Micallef. Sahansitra, f'okkazjoni partikolari, Raymond Micallef addirittura ingannah billi tah cekk *post dated* fis-somma ta` LM40,000, li a bazi tieghu, l-imputat ossia d-Dipartiment tal-VAT nehhew sekwestru li kien sar, legittimament fuq il-propjeta ta` Raymond Micallef, sabiex din tkun tista tinbiegh. U effettivament din il-propjeta inbieghet, izda c-cekk ma setghax jigi onorat ghax Raymond Micallef xorta wahda ma kellux fondi. Dan kollu bi hsara ghad-Dipartiment tal-VAT.

Iz-zewg protagonist f'dan il-kaz jaqblu fuq il-fatt li n-negozjati bejniethom kienu estensivi u matul perjodu konsiderevoli ta` zmien; jaqblu wkoll li anki l-problemi li kellu Raymond Micallef, kienu ta` natura sostanzjali. Ma jaqblux fuq il-perspettiva ta` kif graw l-affarijiet. Raymond Micallef donnu jrid jghid u jimplika li l-imputat ma kienx genwinament irid jghinu. Minn naha tieghu l-imputat, ghall-kuntrarju, jghid li hu ried jghin lil Raymond Micallef, kif ghen lil hafna nies ohra, izda kienu c-cirkostanzi ta` Raymond Micallef u kif holoqhom huwa li ma ppermettiex li tinstab soluzzjoni, sakemm imbaghad spicca mill-impjieg minhabba l-eta`.

**Certament li ma jaqblux fuq fatt partikolari wiehed. U li a bazi tieghu infethet din il-kawza. Raymond Micallef jghid li, waqt wiehed mill-*meetings* li kellu ma l-imputat, l-imputat stess talbu hames mitt lira maltin (presumibbilment, sabiex jghinu!). L-imputat cahad din l-allegazzjoni mill-bidu sa l-ahhar**. (enfasi ta` din il-Qorti).

**Ikkunsidrat**;

Illi din il-Qorti fliet sew ir-rizultanzi processwali u dahlet *funditus* fuq id-depozizzjonijiet moghtija bil-gurament u qieset sew id-dokumentazzjoni esebita in atti.

Fil-fehema ta` din il-Qorti, mix-xhieda ta` Raymond Micallef, mid-dokumenti esebiti u mid-depozizzjonijiet ta` xhieda ohra, hareg car illi l-agir u l-komportament ta` l-imputat, f'dan it-tragitt kollu li kien jinvolvi lil Raymond Micallef, kien wiehed legittimu, bilancjat (fis-sens li ghalkemm ipprova jghin lil Raymond Micallef, qatt ma nesa li huwa kien qed jagixxi fl-interessi tad-Dipartiment minnu rappresentat), u fuq kollox kien komportament ta` persuna li uza pacenzja u hniena kbira mat-*tax payer*. Irrizulta b'mod car u a sodisfazzjon ta` din il-Qorti illi l-problemi akkumulati minn Raymond Micallef ma setghu qatt jigu attribwiti b'xi mod lill-imputat, minkejja li Raymond Micallef ried jaghti l-impressjoni (f'tentattiv elaborat izda fjakk) mod iehor. Hareg car, anke jekk dan ma kienx it-ton ta` Raymond Micallef, illi l-imputat dejjem laqghu u dejjem ipprova jfiehem ix-xenarju u jaghti lil Raymond Micallef iz-zmien li tant kien importanti ghall-istess Raymond Micallef fic-cirkostanzi finanzjarji difficli li kien jinsab fihom. Imkien ma jirrizulta mill-atti, specjalment minn dak li jghid Raymond Micallef jew mid-dokumentazzjoni relattiva, li l-intenzjoni ta` l-imputat kienet li b'xi mod huwa kien lest jikser il-ligi biex jghin lil Raymond Micallef. Fil-fehema ta` din il-Qorti, ma hemm xejn fl-atti li, anki jekk remotament, jista jindika li l-imputat kien inklinat li jaghmel xi haga hazina, kontra l-interessi tad-Dipartiment u dana sabiex jghin lil Raymond Micallef.

Fil-fehema ta` din il-Qorti, il-verzjoni ta` Raymond Micallef hija wahda partikolari f'certu aspett. Din il-Qorti ma ghandhiex dubbju minn dak li jghid huwa u cioe` li n-negozju gestit minnu marlu l-bahar. U li kellu jbiegh u jiddisponi minn propjeta u ishma ohra biex jipprova jingabar u jottempra ruhu mal-obbligi tieghu maxxenti mir-regolamenti applikabbli tal-VAT, fost ohrajn. Pero`, Raymond Micallef ipingi lilu nnifsu bhala vittma tac-cirkostanzi u tar-regolamenti – hekk almenu hadet l-impressjoni din il-Qorti meta qrat u rat l-atti fid-dettal. U sabiex jaghti aktar sahha lil din il-lijna ta` *auto vittimizzazzjoni*, tefgha fix-xena, bhal qatra f'ocejan, l-allegazzjoni li l-imputat, f'wahda mill-laqghat, kien accenna ghal LM500 billi urieh il-hamest iswaba ta` idu. Il-forma u z-zmien li fih intefghet din l-allegazzjoni jqanqlu certu dubbji f'mohh din il-Qorti.

Imbaghad hemm fatturi ohra li jaghmlu lil Raymond Micallef xhud xi ftit inattendibbli. Per ezempju, din il-Qorti ma tistax tifhem kif persuna bhal Raymond Micallef ta` eta mhux zghira, b'tant esperjenza fid-dinja tan-negozju, irid jaghti l-impressjoni li kien mahkum mill-imputat; irid lil Qorti temmen li din il-hakma kienet tant kbira li hu ma setghax addirittura jikteb direttament lill-Kummissarju tal-VAT u jitlob appuntament u dana meta Raymond Micallef beda jissusspetta li l-

imputat ma kienx qed jagixxi, fl-opinjoni tieghu, b'mod gust u ezemplari! U dana meta fid-dinja ta` llum kulhadd lest li jikteb ittra personalment indirizzata, anke sahansitra lil Prim Ministru tal-gurnata, biex iressaq ilment, anke jekk dan l-ilment ikun wiehed frivolu.

Din il-Qorti taghmilha cara li hawnhekk *non si tratta* ta` semplici kelma ta` wiehed kontra ta` l-iehor; *non si tratta* wkoll ta` semplici konflitt fil-verzjonijiet. Ghaliex wara kollox, ir-regola hi li jekk xhud wiehed ikun emmnut dwar fatt, dak ikun bizzejjed ghall-Qorti li tkun biex tabbraccja dak il-fatt u tqisu bhala wiehed ippruvat skond il-ligi. Fil-fehema ta` din il-Qorti hawn *si tratta* ta` sitwazzjoni fejn, mill-assjem tal-provi, ikun, *unsafe and unsatisfactory* li din il-Qorti toqghod fuq l-allegazzjoni ta` Raymond Micallef li l-imputat kien talbu s-somma ta` Lm500 fil-kuntest kif imressaq mill-istess Raymond Micallef. Din il-Qorti ghandha dubbju, u dan id-dubbju irid legalment imur favur l-imputat. U ghalhekk tiddikjara li, mehud kollox flimkien, il-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-kaz taghha skond il-ligi.

**Ikkunsidrat**;

Illi minkejja dak hawn fuq espost, din il-Qorti tixtieq tippuntwalizza illi d-difiza ghandha ragun meta tissottometti, bhala difiza sussidjarja, illi li kieku din il-Qorti kellha taccetta bhala veritiera l-verzjoni shiha ta` Raymond Micallef, l-imputat xorta wahda ma kellux ikun passabbli ghar-reat taht l-Artikolu 115 izda, in pessima ipotezi, kellu jkun passabbli ghar-reat taht l-Artikolu 112 tal-Kap 9. **Din il-Qorti taghmel refenza ghas-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali tat-23 ta` Jannar 2014 fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Giuseppe Maria Cini' (App. Nru. 455/2012 MM)**. Senjatament jinghad is-segwenti : " …………. *L-appellat huwa addebitat b'zewg akkuzi, wahda taht l-Artiklu 112 tal-Kap 9 li titratta dwar il-konkussjoni, u cioe li Ufficcjal Pubbliku jesigi flus kontra l-Ligi u l-ohra taht il-115 ta' l-istess Kap li jitratta l-korruzzjoni. Id-differenza principali bejn dawn iz-zewg akkuzi hija, illi dik ta' l-ewwel hija unilaterali u tista' tigi minn inizjattiva ta' l-istess Ufficcjal Pubbliku u t-tieni hija bilaterali, fejn l-Ufficcjal Pubbliku jitlob, jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor rigali u parti ohra taccetta tali inizjattivi u akkomoda dak li jkun talab l-Ufficcjal Pubbliku. F'dan il-kaz, ic-cirkustanzi ma jinkwadrawx taht l-Artiklu 115 peress illi ma kienx hemm l-accettazzjoni tal-parti l-ohra u lanqas ma kien hemm xi forma ta' ftehim sabiex l-appellat jaghmel dak li ma messux jaghmel jew illi huwa fid-dover li jaghmel*.

**Konkluzjoni**;

**Ghall-motivi premessi l-Qorti ssib u tiddikjara li George Catania mhux hati ta` l-unika imputazzjoni dedotta kontra tieghu – dik skond l-Artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta - u minnha tilliberah skond il-ligi**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------